Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Ottubru 2015**
**(OR. en)**

**12901/15**

**COPEN 266**
**EUROJUST 175**
**EJN 84**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Dr Sebastian Jeckel, Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 11 ta' Settembru 2015 |
| lil: | Is-Sinjura Christine Roger, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata<br>- Notifika mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja |

Għażiż Direttur Ġenerali,

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42), li jinsabu fl-Anness 1, jiġu trasposti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali skont l-Anness 2. Il-formulazzjoni tat-testi legali rilevanti tiġi notifikata separatament.

Barra minn hekk, niġbidlek l-attenzjoni għall-informazzjoni li ġejja

**Artikolu 1 (Definizzjonijiet):**

It-terminu 'organizzazzjoni kriminali' fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru ma jikkorrispondix b'mod sħiħ għat-terminu 'organizzazzjoni' fit-Taqsima 129 tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniża (*Strafgesetzbuch,* StGB - Formazzjoni ta' organizzazzjonijiet kriminali), li essenzjalment tittrasponi d-Deċiżjoni Kwadru. F'konformità mal-ġurisprudenza dwar it-Taqsima 129 StGB, organizzazzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni hija mifhuma li tfisser esklussivament

- organizzazzjoni strutturata, stabbilita fuq perijodu ta' żmien,
- ta' mill-inqas tliet persuni,
- li, bis-subordinazzjoni tar-rieda individwali għar-rieda kollettiva,
- jsegwu għanijiet komuni u
- li l-interazzjonijiet tagħhom huma tali li jqisu lilhom infushom bħala grupp magħqud.

Din id-definizzjoni tfisser li, pereżempju, gruppi organizzati ġerarkikament li sempliċiment jimplimentaw ir-rieda ta' mexxej awtoritarju mingħajr 'identità ta' grupp' mhumiex koperti mit-Taqsima 129 StGB. Barra minn hekk, f'konformità mal-ġurisprudenza, hija tistabbilixxi rekwiżiti ogħla fir-rigward tal-livell ta' organizzazzjoni mid-Deċiżjoni Kwadru, li tiddikjara b'mod espliċitu li organizzazzjoni ma għandux għalfejn ikollha rwoli definiti b'mod formali għall-membri tagħha, kontinwità fis-sħubija tagħha, jew struttura żviluppata. Il-formulazzjoni tat-Taqsima 129 StGB ma tostakolax definizzjoni usa'. Madankollu, fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Federali tal-Ġustizzja (li, b'referenza għad-Deċiżjoni Kwadru, rat ħtieġa għall-azzjoni leġislattiva), huwa propost li t-terminu 'organizzazzjoni kriminali' fit-Taqsima 129 StGB jiġi adattat b'mod espliċitu mil-liġi għad-definizzjoni fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru.

**Artikolu 2 (Reati marbuta mal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali):**

Fit-Taqsima 129 StGB, il-Ġermanja tittrasponi l-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru b'tali mod li ma tkunx tinħtieġ it-traspożizzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 2.

**Artikolu 3(2) (Pieni):**

Għal ħafna atti li huma tipiċi tal-kriminalità organizzata, il-mod 'organizzat' li bih l-att isir fil-qafas ta' 'grupp' ġeneralment jirriżulta f'firxa ogħla ta' pieni. Għalhekk hija mehmuża wkoll ħarsa ġenerali lejn l-elementi ta' reati rilevanti f'dan il-kuntest (Anness 2). Il-formulazzjoni tat-testi legali rilevanti tiġi notifikata separatament.

**Artikolu 7(3) (Ġurisdizzjoni u koordinazzjoni tal-prosekuzzjoni):**

L-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni Kwadru ('s'issa għadu ma jestradix jew iċedi ċ-ċittadini tiegħu stess') ma għadux japplika għall-Ġermanja fid-dawl tal-paragrafi 1 u 2 tat-Taqsima 80 tal-Att Ġermaniż dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Kriminali (*Gesetz über die internationale Rechtshilfe in Strafsachen*, IRG).

(Formula ta' għeluq)

(f.) Sebastian Jeckel